MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN DR. MOMPALAO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 12/2011

**Eddie Vella**

**Vs**

**Julie Vella**

**It-Tribunal**

Ra  l-avviz li permezz tieghu l-attur talab illi l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1300) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' elf, mitejn u sittin ewro (€1260) bhala sehem il-konvenuta minn pagamenti lura ta' self mehud mill-HSBC Bank Malta PLC u s-somma ta' erbghin ewro (€40)  ghal sehma minn polza ta' assigurazzjoni marbuta ma' l-istess self u dan kif miftiehem permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti Dr. Paul George Pisani tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u seba (2007), liema ammonti diga thallsu

mill-attur li qed jitlob ir-rifuzjoni taghhom minghand il-konvenuta. Dan bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali 35/2011 u bl-imghax skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha gie eccepit:- (1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt; (2) Illi fir-rigward ta’ l-ammont pretiz mill-attur allegatament raprezentanti  hlasijiet maghmula lill-HSBC Bank Malta PLC, l-esponenti tirrileva illi hija nfurmat lill-attur sabiex huwa jhallas is-sehem dovut minnu biss fir-rigward tas-self relattiv peress li ghamlet l-arrangamenti mal-bank sabiex thallas is-sehem dovut minnha fi stadju ulterjuri direttament lill-bank illi prova ta’ dan l-esponenti qed kopja minn ittra mibghuta fl-ewwel (1) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011).  Illi ghalhekk dak l-ammont pretiz ma huwiex dovut mill-esponenti; (3) Illi fir-rigward ta’ l-ammont pretiz mill-attur fir-rigward ta’ House Insurance, l-esponenti ssostni li minn mindu l-partijiet sseparaw tali assikurazzjoni dejjem thallset mill-attur u dan peress li kien sar ftehim f’dan is-sens waqt proceduri ta’ medjazzjoni mizmuma quddiem medjatrici Erika Cutugno. Illi ghalhekk dan l-ammont pretiz lanqas ma huwa dovut; (4) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur qed igib prova li verament ha l-ammont hekk reklamati minnu f’dan l-avviz; (5) illi minghajr pregudizzju ghas-su espost huwa sottomess illi l-ammonti pretizi mill-attur ma jistghux ikunu korretti.

Ra l-atti kollha tal-kawza nkluzi d-dokumenti.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonjiet ta’ l-istess xhieda.

Ra d-digrieti kollha tieghu inkluz dak tas-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi din il-kawza hija wahda illi bi ftit buon sens, il-partjiet kellhom isolvu.  Sfortunatament meta tidhol certa pika

bejn il-mizzewgin separati, problemi bhal dawn jiehdu xejra komplikata izda jibqghu tali illi jekk wiehed jaghsar is-sustanza taghhom, isib li bi ftit hsieb u buon sens il-mertu tal-kwistjoni facilment seta jissolva. Fil-fatt dak li qieghed jigi mitlub jaghmel dan it-Tribunal f'din il-kawza ma' huwa xejn ghajr konteggi li l-partijiet setghu ghamlu jekk hemm bzonn bil-ghajuna ta' l-avukati taghhom. In oltre dan it-Tribunal ihoss ukoll illi din il-kawza kkomplikat ruha u twalet bla bzonn fejn anke gew imressqa diversi xhieda li l-utilta taghhom kienet wahda negligibbli.

Jidher illi l-ewwel punt tal-kwistjoni huwa jekk il-konvenuta hijiex tenuta thallas nofs il-primja ta' assigurazzjoni relatati mal-assigurazzjoni wahda fuq il-hajja u l-ohra fuq il-propjeta abbinati fuq is-self li l-koppja ghandhom ma' l-HSBC Bank (Malta) PLC. Il-konvenuta tikkontendi illi hija ma' ghandiex thallas sehma mill-primja ta' dawn l-assigurazzjonijiet peress li kien hemm ftehim f'dan is-sens waqt il-medjazzjoni. Kien x'kien il-ftehim, dan it-Tribunal jifhem illi ghandu jghodd biss dak illi gie miftiehm fil-kuntratt ta' separazzjoni. Fil-kuntratt ta' separazzjoni tissemma espressament l-assigurazzjoni fuq id-dar u jinghad illi l-premium ta' din l-assigurazzjoni ghandu jkun a' karigu taz-zewg partijiet. Ma' hemm xejn car dwar il-premium tal-life insurance. Izda dan it-Tribunal jifhem illi peress illi l-hajja assigurata hija taz-zewg partijiet u illi peress fil-kuntratt tas-separazzjoni l-partijiet ftehmu illi r-rikavat minn din l-assigurazzjoni ghandu jigi ripartit b'mod ugwali, bl-istess mod jifhem illi l-premium ta' din l-assigurazzjoni wkoll ghandu jkun a' karigu taz-zewg partjiiet. Minn dak illi xehdet Dr. Elaine Micallef Grimaudi jirrizulta illi la Eddie Vella u lanqas Julie Vella ma hallsu l-premium fuq din l-assigurazzjoni u ghalhekk l-premium beda jinqata mis-surrender value. Ghalhekk ma' huwiex korrett Eddie Vella meta jitlob dan l-ammont minghand martu ghal din l-assigurazzjoni partikolari. Min naha l-ohra jirrizulta illi l-attur Eddie Vella hallas il-premium ghal House Insurance fl-ammont ta' disgha u sititn ewro u tmienja u tmenin centezmu (€69.88). Nofs dan l-ammont illi allura jrid jigi rifuz lura minn martu l-konvenuta jammonta ghal erba u tletin ewro u erba u disghin centezmu (€34.94).

Dwar il-loan repayments li l-konvenuta suppost thallas in-nofs, Eddie Vella fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju ta' l-elfejn u tnax (2012) jispjega illi dan irid isir ghax-xhur bejn Settemru elfejn u ghaxra (2010) u Gunju elfejn u hdax (2011) li ghalhekk jammonta ghal ghaxar xhur. Jidher illi dan anke minn dak li qablu l-partijiet fix-xhieda taghhom it-tnejn moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) illi l-ammont realment dovut mill-konvenuta kull xhar huwa ta' mija u sittax il-ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€116.21). Fuq medda ta' ghaxar xhur dan jirrendi total ta' elf, mija u tnejn u sittin ewro u ghaxar centezmi (€1162.10).

Dan l-ammont sommat mal-premium ta' l-assigurazzjoni tad-dar fl-ammont ta' erba u tletin ewro u erba u disghin centezmu (€34.94) jammonta ghal elf, mija u sebgha u disghin ewro u erba centezmi (€1197.04).

Fin-nota ta' konteggji taghha, l-konvenuta tghid illi minn dan l-ammont ghandhom jitnaqqsu s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) illi hija hallset permezz ta' ittra tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) kif ukoll is-somma ta' erba mija u wiehed u hamsin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€451.22) maghmula f'over payments meta hija minflok is-somma ta' mija u sittax il-ewro u wiehed u ghoxrin centezmu fix-xhar (€116.21) kienet qeghda thallas mija u wiehed u hamsin ewro u erbghin centezmu (€151.40).

Dwar is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) Eddie Vella jghid illi din kienet tirreferi ghal perjodu li jigi qabel dak li ghalih tirreferi din il-kawza. Fil-fatt jghid illi huwa kkalkulat bir-rata ta' mija u hamsin ewro fix-xhar (€150) (ezattament Julie Vella kienet thallas mija u wiehed u hamsin Ewro u erbghin centezmu [€151.40]) u mhux mija u sittax il-ewro u wiehed u ghoxrin centezmu [€116.21]). Minn naha taghha Julie Vella ma tat l-ebda prova ghal liema perjodu kien jirreferi dan il-pagament ta' tlett mitt ewro (€300). Fin-nuqqas ta' tali spjegazzjoni, dan it-Tribunal ma' jara l-ebda raguni ghalfejn ghandu jirrigetta l-ispjegazzjoni moghtija minn Eddie Vella illi dan l-ammont jirriferi ghal

perjodu li jigi qabel din il-kawza u ghalhekk mhux ser inaqqas dan l-ammont.

Mhux l-istess jinghad pero ghal ammont l-iehor. Dan it-Tribunal ma' jara l-ebda raguni ghalfejn Julie Vella kienet qeghda thallas mija u wiehed u hamsin ewro u erbghin centezmu (€151.40) meta fil-fatt l-ammont dovut minnha kien ta' mija u sittax il-ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€116.21). Jirrizulta illi ghalhekk f'dawk ix-xhur illi l-konvenuta kienet thallas oltre milli suppost, hija kienet qed thallas is-somma ta' hamsa u tletin ewro u dsatax il-centezmu (€35.19) indebitament. Mid-dokument JV3 esebit fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) jidher illi l-konvenuta effetwat dan il-pagament zejjed ghal hdax (11) il-xhar konsekuttivi. Jirrizulta ghalhekk illi l-konvenuta hallset is-somma ta' tlett mija u sebgha u tmenin ewro u disgha centezmi (€387.09) indebitament. Dan it-Tribunal jhoss illi jkun biss gust u ekwu illi din is-somma titnaqqas minn dak illi l-konvenuta ghandha taghti lill-attur. Ghalhekk il-bilanc dovut lill-attur jammonta ghas-somma ta' tmien mija u disa ewro u hamsa u disghin centezmu (€809.95).

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa in parte t-talbiet ta' l-attur, jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmien mija u disa ewro u hamsa u disghin centezmu (€809.95). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' din il-kawza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali Nru. 35/2011, jigu sopportati kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------